# Granada, Parque Central

Immanuel Mifsud

Saqajha rqaq u suwed kollha vini,
timbotta 'l żewġha mingħajr snien fuq siġġu
bir-roti jżaqżqu, jimxu l-art, jigirfu.
Kif jaslu ħdejk il-mara tinfexx tibki
mingħajr ma jirnexxilha tqabbeż demgħa,
ittawwal driegħ u tiftaħ pala mgħaddma
biex forsi, ma tafx kif, tagħtiha ħabba.

Hemm tifel ftit warajha b'xagħru abjad,
bix-xquq f'wiċċu li wiret m'għand in-nannu
ftit qabel telaq ruħu mal-għasafar.
Idejh daqs naqra imma kbar biżżejjed
jekk forsi, ma tafx kif, xi ħadd jixħetlu
xi żewġ ħabbiet li għoddu kien remiehom.

Għaddej il-karnival minn ħdejn il-pjazza
u mara b'xagħarha twil twerżaq kemm tiflaħ
mill-pulmun: *¡Que viva la poesia!*
U aħna nieħdu gost fil-kantunieri
naqraw il-versi ħfief li ħadd ma jifhem:
eżempju: *¡Viva la Revolución!*